MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1158/1999/1

**Carmelo Aquilina**

**vs**

**Charles Polidano**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenut Charles Polidano fuq in-Net Television fil-programm Monitor imxandar fil-11 ta’Mejju 1999, ghamel attakk fuq l-attur fejn il-kliem li qal li semghatu Malta kollha

ta malafama lill-attur billi attribwielu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;.

Illi qal kliem bhal “li jfettillu qed jghid“, “hadha kontrija ghax m’ghentux”, “iparla bl-addocc”, “dal-gideb kollu ghalfejn” u “mitt fax bghattlu, u lanqas gie ghall-programm tar-radju dan (is-Sindku)”. Video recording ta’ l-istess programm ipprovdut mill-Awtorita’ tax-Xandir, hawn anness u mmarkat Dok A u d-“dubbing certificate” immarkat Doks ‘B1’ u ‘B2’;

Illi l-attur bhala l-parti offiza ghandu dritt ghad-danni kkontemplati fil-ligi ta’ l-Istampa (ATT X1 ta’ l-1994), Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex::-

tiddikjara illi l-konvenut ta malafama lill-attur bil-kliem fuq imsemmi kif inghad;

tillikwida d-danni f’ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira maltija (Lm5,000) skond il-ligi ta’ l-Istampa;

tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur l-ammont likwidat u ddikjarat bhal dovut in linea ta’ danni kif kuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fil-programm de quo l-eccepijent jaghti l-fatti kif irrizultaw lilu u jaghmel kummenti li jitqiesu bhala ‘fair comment’,

dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f’socjeta’ demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Marzu 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jghamel referenza ghall-programm bit-titolu “Monitor” li xxandar fuq in-Net Television fil-11 ta’Mejju 1999 u jallega li fil-kors ta’ dan il-programm il-konvenut ghamel attakk fuqu u tah malafama u attribwielu fatti determinanti li joffenduh u esponewh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

B’mod partikolari l-attur ghamel referenza ghal-kliem li uza l-konvenut bhal “li jfettillu qed jghid“, “hadha kontrija ghax m’ghentux”, “iparla bl-addocc”, “dal-gideb kollu ghalfejn” u “mitt fax bghattlu, u lanqas gie ghall-programm tar-radju dan (is-Sindku)”. L-attur ikompli jippremetti li, bhala l-parti offiza, ghandu dritt ghad-danni skond il-ligi u ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi ddikjarat illi l-konvenut ta malafama lill-attur u li jigu likwidati d-danni relattivi skond il-ligi ta’ l-Istampa u li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidatri;

Il-konvenut, da parti tieghu qed jeccepixxi li ta’ versjoni tal-fatti kif irrizultaw lilu u ghmel kummenti li huma ‘fair comment’ u li huma accettabbli f’socjeta’ demokratikau li huma accettabbli skond il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Jirrizulta li fiz-zmien in kwestjoni l-attur kien is-Sindku tas-Siggiewi. Dejjem fiz-zmien in kwestjoni d-ditta tal-konvenut kienet ghamlet talba ghall-hrug ta' permessi sabiex isir zvillup ta' impjant ta' simenterija appuntu fil-konfini tas-Siggiewi. L-attur hass li tali zvilupp kien negattiv minhabba diversi konsiderazzjonijiet u ghamel dak kollu li setgha jghamel sabiex dan l-izvilupp ma jsehhx. Ghalhekk, fost affarijiet ohr, huwa mmobilta Kunsilli Lokali ohra konfinanti mas-Siggiewi u bhala sindku organizza sew sabiex il-pubbliku in generali ikun konxju minn din il-kwestjoni u jkun infurmat dwarha u dwar, dak li l-attur isejjah bhala "l-impatt negattiv" tal-izvilupp in kwestjoni. Kien hemm interess generali f'din il-kwestjoni tant li ma baqghetx kwestjoni lokali. Saru diversi programmi u xandiriet dwarha u fost dawn kien hemm il-programm "Monitor" fuq Net TV fil-11 ta' Mejju 1999;

F'dan il-programm ha sehem il-konvenut. Il-konvenut ma kkontestax li huwa qal il-kliem li minnu qed jilmenta l-attur u li dan l-istess kliem kien dirett lejn l-istess attur. Il-konvenut ukoll naqas li jipproduci provi dwar dak li gie sottmess minnu fin-nota ta' eccezzjonijiet. Hu evidenti li meta il-konvenut qal il-kliem - "hadha kontrija ghax ma ghentux", "iparla bl-addocc" u "dal gideb kollu ghalfejn" attribwixxa lill-attur fatti determinanti li joffendu u esponu lill-attur ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut immalafama lill-attur. In effett il-konvenut allega li l-attur kien kontrih minhabba ragunijiet personali. Dana zgur li ma giex ippruvat. Lanqas ma gie ppruvat li l-attur gideb jew li huwa tkellem fil-vojt dwar il-kwestjoni;

Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni ghandfu jigi konsidrat li fiz-zmien in kwestjoni l-attur kien is-Sindku tas-Siggiewi u cioe' persuna pubblika esposta ghal kritika ta' kullhadd u li il-kliem in kwesjoni intqal waqt li kien hemm ghaddejja polemika dwar l-izvilup ta simenterija appuntu fis-Siggiewi. Ghandu jigi ukoll konsidrat il-kliem li nghad fil-kwestjoni.Ghalhekk dawn id-danni qed jigu likwidati fis-somma ta tlett mitt liri maltin (Lm300);

Ghal dawn il-motivi kollha;

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet atttrici u tiddikjara illi l-konvenut ta malafama lill-attur bil-kliem indikat fic-citazzjoni u tillikwida d-danni fis-somma ta tlett mitt liri maltin (Lm300) u tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni u dana bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------